REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/109

tal-24 ta' Jannar 2019

li jawtorizza estensjoni għall-użu taż-żejt ta' *Schizochytrium* sp. bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li fis-suq tal-Unjoni jista' jitqiegħed biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/463/UE ([3]) awtorizzat, skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), it-tqegħid fis-suq ta' żejt mill-mikroalgi *Schizochytrium* sp. bħala ikel ġdid biex jintuża f'għadd ta' prodotti tal-ikel.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1032 ([5]) estenda l-awtorizzazzjoni taż-żejt mill-mikroalgi *Schizochytrium* sp. (T18) bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 għall-purees tal-frott/ħxejjex.

(6) Fl-10 ta' Settembru 2018, il-kumpanija DSM Nutritional Products Europe talbet lill-Kummissjoni biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid, iż-żejt ta' *Schizochytrium* sp., fis-sens tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikazzjoni talbet biex l-użu taż-żejt ta' *Schizochytrium* sp. jiġi estiż għall-purees tal-frott u tal-ħxejjex.

(7) L-estensjoni proposta tal-użu tal-ikel ġdid ma tibdilx il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza li jappoġġaw l-awtorizzazzjoni taż-żejt ta' *Schizochytrium* sp. (T18) bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1032 u lanqas ma tinvolvi xi tħassib tas-sikurezza. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-estensjoni tal-użu proposta tikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) Il-Kummissjoni ma talbitx opinjoni mingħand l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, billi estensjoni tal-użu taż-żejt ta' *Schizochytrium* sp. u l-aġġornament sussegwenti tal-lista tal-Unjoni mhux mistennija jkollhom effett fuq saħħet il-bniedem.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2014 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt mill-mikroalgi *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2003/427/KE u 2009/778/KE (ĠU L 209, 16.7.2014, p. 55).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1032 tal-20 ta' Lulju 2018 li jawtorizza l-estensjoni tal-użu tal-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 185, 23.7.2018, p. 9).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-entrata fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzzjoni (UE) 2017/2470, li tirreferi għas-sustanza "żejt ta' *Schizochytrium* sp." għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tinkludi l-kundizzjonijiet għall-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-entrata għal "Żejt tas-*Schizochytrium* sp." fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinbidel b'li ġej:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
"**Żejt tas-*Schizochytrium* sp.**	*Il-kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi ta' DHA*	Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'Żejt tal-mikroalgi *Schizochytrium* sp.'"	
	Prodotti tal-ħalib ħlief xarbiet magħmula bil-ħalib	200 mg/100 g jew għall-prodotti tal-ġobon 600 mg/100 g		
	Analogi ta' prodotti tal-ħalib ħlief xarbiet	200 mg/100 g jew għall-analogi tal-prodotti tal-ġobon 600 mg/100 g		
	Xaħam li jiddellek u taħwir tal-ikel	600 mg/100 g		
	Ċereali għall-kolazzjon	500 mg/100 g		
	Supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE	250 mg DHA kuljum għall-popolazzjoni ġenerali		
		450 mg DHA kuljum għan-nisa tqal u li jkunu qegħdin ireddgħu		
	Sostituzzjoni tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 u sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż	250 mg/ikla		
	Xarbiet magħmulin bil-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar	200 mg/100 g		
	Ikel biċ-ċereali u ikel tat-trabi pproċessat maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013			
	Ikel maħsub biex jagħmel tajjeb għall-użu ta' sforz muskolari qawwi, speċjalment għall-isportivi			
	Ikel li fuqu jkollu dikjarazzjonijet tan-nuqqas jew tal-preżenza mnaqqsa tal-glutina skont ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 828/2014			

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
	Il-kategorija tal-ikel speċifikat	*Livelli massimi ta' DHA*		
	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	Skont ir-rekwiżiti nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom huma maħsuba l-prodotti		
	Prodotti tal-furnara, (ħobżiet, bziezen, u gallettini ħelwin)	200 mg/100 g		
	Bars taċ-ċereali	500 mg/100 g		
	Xaħam għat-tisjir	360 mg/100 g		
	Xarbiet mhux alkoħoliċi (inklużi analogi ta' prodotti tal-ħalib u xarbiet magħmulin bil-ħalib)	80 mg/100 ml		
	Puree tal-frott/ħxejjex	100 mg/100 g		